MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 348/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Grazio sive Horace Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Grazio sive Horace Zammit talli:

(1) gewwa l-Mosta nhar-is 17 ta’ Frar 2008 ghall-habta ta’ l-4:20 ta’ wara nofsinhar, ikkommetta serq minn vettura ta’ l-ghamla Skoda 120L bin-numru ta’ registrazzjoni IAM – 303 ta’ apparat tal-Hi Fi kif ukoll kartiera, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, u dan sar ghad-detriment ta’ Jason Sciberras minn San Pawl il-Bahar u/jew persuni ohra;

(2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` fil-vettura msemmija hawn fuq, liema hsara li teccedi 11.65 euro izda inqas minn 116.47 euro, saret ghad-dannu ta' l-imsemmi Johan Sciberras u/jew persuni ohra;

(3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita` jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, u cioe` diversi ufficjali tal-Pulizija, jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fid-dmirijiet taghhom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma kienx jaqa' taht disposizzjonijiet ohra tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta;

(4) fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, fil-hin li kien qieghed jaghmel delitt ta' serq u hsara lil proprjeta` kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari (mus);

(5) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zamm u gar strument li jaqta' u bil-ponta (mus) minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;

(6) irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta1-20 ta' Novembru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261, 263, 271, 278, 289, 325, 338(e), 17, 31, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Grazio sive Horace Zammit hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu kif minnu ammessi u b'dan illi t-tieni imputazzjoni kienet mezz ghall-fini ta' l-ewwel imputazzjoni u b'hekk kienet qed tapplika l-

artikolu 17(h) tal-Kap. 9, u kkundannatu tmintax-il (18) xahar prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Grazio sive Horace Zammit ipprezentat fis-27 ta’ Novembru, 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn huwa nstab hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontrih b’dan li t-tieni imputazzjoni kienet mezz ghall-fini ta’ l-ewwel imputazzjoni, tvarja l-piena moghtija billi tikkundannah ghal wahda idonea li ma ccahdux milli jkompli l-programm ta’ rijabilitazzjoni minnu mibdi, u dan salv kull provvediment li din il-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-uniku aggravju ta’ l-appellant huwa dwar il-piena nflitta. L-appellant isostni illi piena karcerarja mhijiex piena idoneja peress illi ma jkunx jista’ jkompli l-programm ta’ rijabilitazzjoni li beda minhabba l-problema ta’ abbuz ta’ droga. B’hekk il-progress kbir li ghamel u li qed jaghmel jispicca fix-xejn a detriment tieghu u tas-socjeta`. Meta gie pprezentat ir-rikors ta’ appell, l-apellant kien diga` ilu tmien xhur fil-programm u l-fatt li l-programm itul sbatax-il xahar juri r-rieda tieghu biex ifieq minn din il-problema. Il-programm li qed jaghmel f’Santa Marija huwa mmexxi b’dixxiplina kbira.

Issa, f’dan il-kaz l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu fis-seduta tat-2 ta’ Ottubru 2008 meta l-prosekuzzjoni u d-difiza qablu wkoll li t-tieni imputazzjoni kienet mezz ghall-fini ta’ l-ewwel imputazzjoni. Bhalma qalet din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jonathan Attard** moghtija fis-26 ta’ Mejju 2004[1]:

[1] Ara wkoll, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **The Republic v. Ahmed Ben Taher**, 6 ta’ Ottubru 2003; **Ir-Repubblika v. Mohamed Mohamed Abusetta**, 4 ta’ Dicembru 2003; **Il-Pulizija v. Emmanuele Magro**, 2 ta’ Gunju 2004

**"Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat."**

Il-piena nflitta mill-ewwel Qorti hi certament fil-parametri tal-ligi. Bizzejjed jinghad illi l-piena ghall-ewwel imputazzjoni biss hi ta' prigunerija minn hames xhur sa tliet snin li ma tinghatax fil-*minimum*. Jigifieri lanqas piena li tista' tinghata ghall-ewwel imputazzjoni hi dik ta' ghaxar xhur u ghaxart ijiem sa massimu ta' tliet snin. Din il-piena mbaghad tizdied kemm minhabba r-reati bi ksur ta' l-Att dwar l-Armi kif ukoll minhabba r-recidiva.

L-enfasi ta' l-appellant pero` hija fuq ix-xewqa tieghu li jkun jista' jkompli r-rijabilitazzjoni tieghu. Ghalhekk din il-Qorti semghet fl-ewwel lok ix-xiehda ta' Vicky Scicluna u ta' Connie Fenech dwar il-progress li ghamel l-appellant.

**Vicky Scicluna** xehdet li ilha sentejn issegwi lill-appellant u tghinu fl-affarijiet li jkollu l-Qorti. Qalet li hu jbati bi problema tad-droga eroina. Ghamel sena programm residenzjali f'Santa Marija u jinsab fil-fazi ta' *re-entry*. Rat kambjament kbir fih. Jekk jidhol il-habs f'dan l-istadju, il-periklu hu li l-kundizzjonijiet tal-habs jistghu jinfluwenzawh hazin peress illi bhalissa qieghed ihossu parti mis-socjeta` u stmat.

**Connie Fenech**, membru ta' l-i*staff* fil-Komunita` Santa Marija, xehdet li ilha taf lill-appellant xi erbatax-il sena. L-ewwel darba li dahal ghall-programm kien ghamel ftit

gimghat u telaq izda din id-darba meta dahal kien hemm certu rieda. Qalet illi meta nghata l-plegg kien hu li ghazel li jmur il-programm. Spjegat li l-appellant fil-bidu kien bniedem maghluq hafna sakemm sab saqajh u beda jirranka matul l-ewwel tliet xhur. Meta mbaghad mar ghat-tieni fazi, dik tal-formazzjoni, beda miexi bil-*counselling* u beda jaghraf ezatt min hu. Qalet li fil-fehma taghha sentenza ta' prigunerija taghmillu hafna hsara minhabba xi trawmiet li kellu fil-passat.

Sussegwentement din il-Qorti ordnat li jithejja *pre-sentencing investigation report* u ghal dan il-ghan giet appuntata l-*probation officer* Carmen Nygaard. Fir-rapport taghha pprezentat fit-30 ta' Settembru 2009, hija rrakkomandat illi s-sentenza ta' prigunerija tigi kkonfermata filwaqt illi din il-Qorti tirrakkomanda li jerga' jinghata l-possibilita` li jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni minn gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Hija waslet ghal dawn il-konkluzjonijiet wara li qieset, *inter alia*, is-segwenti:

"… meta temm il-fazi residenzjali [fil-Komunita` ta' Santa Marija] u dik tar-*re-entry* huwa ma kompliex izomm kuntatt ma' l-Agenzija Sedqa kif kien obligat jaghmel. Barra minn hekk il-kampjun ta' l-urina li ttehidlu mill-*Probation Officer* kien jimmarka li l-imputat ghadu jabbuza mid-droga. L-imputat baqa' jsostni li huwa ma kienx qieghed jabbuza u li l-ezami ma kienx validu, izda anke omm l-imputat stqarret li kienet qed tissuspetta li binha kien qieghed jerga' jabbuza mid-droga…. Huwa wkoll kien jghid lil *Probation Officer* illi kellu kuntatt regolari ma' l-Agenzija Sedqa izda din sabet li dan ma kienx veru u meta gie kkonfrontat qal li ma kienx jaf li kellu jzomm kuntatt."

Carmen Nygaard regghet xehdet fl-14 ta' Ottubru 2009 biex tinforma lill-Qorti li wiehed mis-*samples* ta' urina li kienu ttehdulu fl-istess gurnata (u li t-test fl-ufficcju kien ta rizultat pozittiv) ntbaghat fil-laboratorju u r-rizultat kien fin-negattiv. Qalet ukoll li l-appellant jixtieq hafna jibdel hajtu u jghix hajja minghajr droga.

Fis-27 ta’ Jannar 2010 Carmen Nygaard esebiet e-mail li kienet irceviet minghand is-*social worker* Brian Camilleri fejn infurmaha li minn fost tliet testijiet li saru, wiehed minnhom (dak tad-9 ta’ Dicembru 2009) kien irrizulta pozittiv ghall-*opiates* izda gie kontestat mill-appellant. Ghalhekk fl-istess seduta l-Qorti saqsiet lill-appellant jekk kienx lest li jaghti *urine sample* dakinhar stess. Huwa wiegeb fl-affermattiv u ghalhekk gie akkumpanjat mill-*usher* ta’ din il-Qorti sabiex jipprovdi *urine sample* f’kontenitur appozitu. L-appellant ghadda l-kontenitur lill-*usher* u dan il-kontenitur gie mghoddi lill-*probation officer* Carmen Nygarard fl-awla tal-Qorti sabiex is-*sample* jigi ttestjat f’laboratorju.

Fis-seduta tallum stess xehdet mill-gdid Carmen Nygaard li esebiet ir-rizultat ta’ dak li kellu jkun *urine sample* u minnu jirrizulta li s-*sample* ma kellux il-karatteristici ta’ *urine sample*. Dan ifisser illi l-appellant kien irnexxielu jqieghed gol-kontenitur likwidu iehor u mhux urina.

Din il-Qorti temmen hafna fi programmi ta’ rijabilitazzjoni minhabba l-problema tad-droga u hafna huma s-successi li jirregistraw l-agenziji li jmexxu tali programmi. Fl-istess hin jiddependi mill-individwu jekk ghandux motivazzjoni bizzejjed biex jehles darba ghal dejjem mill-vizzju mishut tad-droga. Huwa ghalhekk illi min isegwi programm residenzjali irid imbaghad fil-perijodu ta’ *re-entry* isegwi *ad litteram* l-istruzzjonijiet li jinghata minn min ikun qieghed imexxi dawn il-programmi. L-appellant naqas meta ma zammx il-kuntatt li suppost zamm, naqas meta qal kelma b’ohra lill-ufficjal tal-*probation* li kienet giet nominata biex thejji l-*pre-sentencing investigation report*. U issa haseb li jista’ jiehu lill-Qorti *for a ride*. Minn dak li ghamel l-appellant wera car li ghadu mhuwiex lest li jinghata l-fiducja ta’ din il-Qorti. Ghalhekk din il-Qorti m’ghandha l-ebda triq ohra hlief li tichad l-appell, b’dan li jekk verament l-appellant jixtieq jieqaf mill-vizzju tad-droga, jista’ hu stess jitlob lill-awtoritajiet tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin sabiex ikun jista’ jsegwi xi wiehed mill-programmi ta’ rijabilitazzjoni li l-aktar ikun idoneju ghalih. Difatti anke l-ewwel Qorti kienet irrakkomandat li l-appellant ikompli

jsegwi programm ta’ rijabilitazzjoni minn hdan dik il-Facilita`.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------